**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**

**vs**

**Stoyan Gerginov Oryashkov**

**Kumpilazzjoni numru 259/2018**

**Illum 27 ta' April, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Stoyan Gerginov Oryashkov** detentur tal-karta tal-identita Bulgara bin-numru 646862976 billi huwa akkuzat talli fil-25 ta' April 2018 u fil-granet u l-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, u b'diversi atti maghmulin fi zmien differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Instab fil-pussess ta' jew kellu taht il-kontroll tieghu xi oggetti ghall-uzu fil-twettieq jew f'konnessjoni ma' xi frodi;
2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uza,

ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;

3. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni ikkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal kull medjum ta' hzin li ma jkunx dak li soltu jinzamm fih jew ghal mkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm;
4. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni ipproduca, biegh, akkwista ghall-uzu, importa, qassam, kien fil-pussess jew xort' ohra ghamel disponibbli mezz, inkluz program ta' computer, ddisinjat jew adattat primarjament bil-ghan li jitwettqu xi atti taht il-paragrafi (a) sa (j) jew password tal-computer, kodici ta' access, jew data simili b'liema parti jew is-sistema tal-informatika shiha tkun kapaci tigi accessata;
5. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni immodifika taghmir jew provvisti tal-computer li jintuzaw jew li huma mahsubin li jintuzaw f'xi computer, sistema ta' computer jew computer network;
6. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, f'Malta assocja ruhu ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghana li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-istampa;
7. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' frodi b'eghmil qarrieqi hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kap 9 (Kodici Kriminali) tal-Ligijiet ta' Malta, wera dan il-hsieb tentattiv ta' delitt b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, fejn ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba, sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna l-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceudri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tas-27 ta' April l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-gurament;

Illi matul l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodici Kriminali, l-imputat debitament assistit mill-Avukat Dottor Victor Bugeja u minn interpretu stqarr li kien inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni inkluż fis-sens illi għar-reati li ammetta għalihom bħala regola dawn il-Qrati jimponu piena ta' priġunerija; wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux ser jerġa lura minnha, u wara anke li kkonferixxa mal-Avukat Difensur tramite s-servizzi tal-interpretu maħtur, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Fic-cirkostanzi l-Qorti ma għandiex alternattiva oħra għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena;

Fliet id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali, inkluż il-fedina penali tal-imputat;

Ikkunsidrat:

Li fic-cirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih.

**Decide**

Li wara li rat l-Artikoli 18, 310BA(1), 337(C)(1)(a), 337(C)(1)(c), 337(C)(1)(l), 337(D)(a), 48A u 41(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lil Stoyan Gerginov Oryashkov , fuq l-ammissjoni tiegħu stess ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti ħadet konsiderazzjoni tal- fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija kif ukoll li huwa ammetta l-ħtija tiegħu fil-bidu nett ta' dawn il-proċeduri kif ukoll li l-fedina penali.

Mill-banda l-ohra li kieku ma kienx ghall-intervent tal-pulizija u koperazzjoni tal-banek kieku dan il-kaz kien ikollu effett serju fuq ghadd ta' persuni.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tikkundanna lil Stoyan Gerginov Oryashkov għall-piena ta' sentejn priġunerija.

Dr. Joseph Mifsud

Magistrat